



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-6 ta' Lulju, 2006,

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro, u dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn il-euro u l-valuti ta' l-Istati Membri li jadattaw il-euro

(CON/2006/36)

Introduzzjoni u bażi legali

Fl-4 ta' Lulju, 2006, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost I') u dwar Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn il-euro u l-valuti ta' l-Istati Membri li jadattaw il-euro (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost II').

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-Artikolu 123(5) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea, li huwa l-bażi għaż-żewġ regolamenti proposti. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Skop tar-regolamenti proposti

1.1 Ir-regolamenti proposti jagħmlu possibbli l-introduzzjoni tal-euro bħala l-valuta tas-Slovenja, wara l-abrogazzjoni tad-deroga tas-Slovenja skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 122(2) tat-Trattat.

2. Osservazzjonijiet speċifiċi

2.1 Fir-rigward tar-regolament propost I, il-BĊE jirrikkmanda li t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2 m'għandux jirreferi b'mod espliċitu għall-Protokolli 25 u 26 jew għall-Artikolu 122(1) tat-Trattat, imma minflok għandu jirreferi ġeneralment għat-Trattat skond l-Anness V, il-paragrafu A.4(a)(ii) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/338/KE, Euratom tat-22 ta' Marzu, 2004, li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill¹. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnutat li r-Regolament tal-Kunsill (KE)

¹ ĠU L 106, 15.4.2004, pġ. 22. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/34/KE, Ewratom (ĠU L 22, 26.1.2006, pġ. 32).

Nru 2596/2000 tas-27 ta' Novembru, 2000, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro², li kien adottat fl-okkażjoni ta' l-introduzzjoni tal-euro fil-Greċja, ma rreferiex għall-Protokolli hawn fuq imsemmija jew għall-Artikolu 122(1) tat-Trattat skond l-Anness II, il-paragrafu A.4(a)(ii) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/396/KE, ECSC, Ewratom tal-5 ta' Ġunju, 2000, li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill³.

- 2.2 Il-BĊE jilqa' r-regolament propost II, li jiffissa b'mod irrevokabbli r-rata ta' konverżjoni bejn il-euro u t-tolar Sloven li ġgħib daqs ir-rata ċentrali tat-tolar Sloven fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju II (ERM II), i.e. EUR 1 = SIT 239.640. Il-BĊE m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex ir-regolament propost II jiġi adottat diversi xhur qabel ma s-Slovenja tadotta l-euro. Bħala dispożizzjoni ta' regolament tal-Komunita' b'applikazzjoni ġenerali (i.e. li jorbot legalment fl-intier tiegħu u li japplika direttament fl-Istati Membri kollha), ir-rata ta' konverżjoni bejn il-euro u t-tolar Sloven se tapplika mill-1 ta' 1 Jannar, 2007, fl-istrumenti legali kollha li jirreferu għall-valuta ta' l-Islovenja, kif kien il-każ għar-rati ta' konverżjoni bejn il-euro u l-valuti ta' l-Istati Membri parteċipanti l-oħra meta huma adottaw il-euro.

3. Proposta t'abbozzar

Minbarra l-opinjoni t'hawn fuq, proposta t'abbozzar qed tiġi pprovduta fl-Anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-6 ta' Lulju, 2006.

[iffirmat]

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

² ĠU L 300, 29.11.2000, pġ. 2.

³ ĠU, L 149, 23.6.2000, pġ. 21. Id-Deċiżjoni sostitwita bid-Deċiżjoni 2002/682/KE, Ewratom (ĠU L 230, 28.8.2002, pġ. 7).

Proposta t'Abbozzar (ir-regolament propost I)

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emenda proposta mill-BĊE²

Emenda 1

It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skond it-Trattat, *suġġett għall-Protokoll 25 u 26 u l-Artikolu 122(1).*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skond it-Trattat **li jwaqqaf il-Komunita` Ewropeja.**

¹ Il-korsiv fit-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jitħassar xi test.

² It-tipa skura fit-test tindika fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal xi test ġdid.